MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Numru 29/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Nader Abdulaziz Elgerian**
**Hasan Mohamed Ahmed**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 29 tas-sena 2007 kontra l-akkuzati Nader Abdulaziz Elgerian u Hasan Mohamed Ahmed, li bih huma gew akkuzati talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-sieghat bikrin ta' filghodu ta' l-erbatax (14) ta' Mejju, tas-sena elfejn u sitta (2006), fl-inhawi tad-Dragonara Hotel gewwa Paceville, l-akkuzati Nader Abdulaziz Elgerian u Hasan Mohamed Ahmed iltaqghu ma' zewg tfajliet ta' nazzjonalita' Svediza, Sandra Vikstrom u Anny Teresia Williams, u bdew jikkonversaw u jippassiggaw maghhom. Wara li, fuq domanda ta' l-akkuzati, t-tfajliet qalulhom f'liema hotel kienu qed jalloggjaw, Elgerian u

Ahmed issuggerew *shortcut* u haduhom f'bajja vicin maghrufa bhala Shingles Bay, liema bajja hija lok pubbliku. Hawnhekk, wara li tfaccaw ukoll xi persuni ohra hbieb ta' l-akkuzati, t-tfajliet gew iccirkondati. L-akkuzat Hasan Mohamed Ahmed pogga bilqieghda fuq sider wahda minn dawn it-tfajliet, Sandra Vikstrom, sabiex jimmobilizzaha mentri l-akkuzat l-iehor Nader Abdulaziz Elgerian nehhielha l-qalziet u l-qalziet ta' taht u kellu kongungiment karnali maghha kontra l-volonta' taghha. Sandra Vikstrom, ghalkemm ippruvat tahrab minn fuq il-post ftit li xejn setghet toffri rezistenza minhabba li kienet giet immobilizzata kif spjegat.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Nader Abdulaziz Elgerian sar hati ta' stupru vjolenti aggravat, u cioe' talli kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il- wiehed jew l-iehor, b'dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni v. Nader Abdul Aziz" ta' l-4 ta' Frar, 2002, l-akkuzat Nader Abdulaziz Elgerian instab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Nader Abdulaziz Elgerian, recidiv f'delitt, talli kkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, b'dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghoxrin sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 198, 202(d), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fis-sieghat bikrin ta' filghodu ta' l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fl- inhawi tad-Dragonara Hotel gewwa Paceville, l-akkuzati Nader Abdulaziz

Elgerian u Hasan Mohamed Ahmed iltaqghu ma' zewg tfajliet ta' nazzjonalita' Svediza, Sandra Vikstrom u Anny Teresia Williams, u bdew jikkonversaw u jippassiggaw maghhom. Wara li, fuq domanda ta' l-akkuzati, t-tfajliet qalulhom f'liema hotel kienu qed jalloggjaw, Elgerian u Ahmed issuggerew *shortcut* u haduhom f'bajja vicin maghrufa bhala Shingles Bay, liema bajja hija lok pubbliku. Hawnhekk, wara li tfaccaw ukoll xi persuni ohra hbieb ta' l-akkuzati, t- tfajliet gew iccirkondati. L-akkuzat Hasan Mohamed Ahmed, biex jghin u jassisti lill-akkuzat Nader Abdulaziz Elgerian jistupra lil Sandra Vikstrom, pogga bilqieghda fuq sidirha sabiex jimmobilizzaha mentri Elgerian nehhielha l-qalziet u l-qalziet ta' taht u kellu kongungiment karnali maghha kontra l-volonta' taghha. Vikstrom ippruvat tahrab minn fuq il-post izda ftit li xejn setghet toffri rezistenza. Fil-fatt f'hin minnhom gidmet lill-akkuzat Hasan Mohamed Ahmed izda hu taha daqqa ta' harta fuq wiccha w pogga idejh fuq halqa w mniehirha b'mod li bilkemm setghet tiehu nifs.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Hasan Mohamed Ahmed irrenda ruhu komplici fi stupru vjolenti aggravat, u cioe' billi xjentement ghen jew assista lil Nader Abdulaziz Elgerian jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor; b'dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt kien gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Hasan Mohamed Ahmed talli rrenda ruhu komplici fi stupru vjolenti aggravat, u cioe' talli xjentement ghen jew assista lil Nader Abdulaziz Elgerian jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor; b'dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt kien gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn erba' snin sa tnax-il sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 198, 202(d), 42(d), 43 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u fic- cirkostanzi msemmija fl-ewwel u fit-tieni kapi ta’ dan l-att ta’ akkuza, w cioe’ fis-sieghat bikrin ta’ filghodu ta’ l-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fil-bajja maghrufa bhala Shingles Bay gewwa Paceville, l-akkuzati Nader Abdulaziz Elgerian u Hasan Mohamed Ahmed immobilizzaw lil Sandra Vikstrom bil-ghan li din tigi stuprata kif fil-fatt sar. Filwaqt li Hasan Mohamed Ahmed pogga bilqieghda fuq sidirha w pogga idejh fuq halqa w imniehirha biex ma ticcaqlaqx, Nader Abdulaziz Elgerian zammilha saqajha sabiex ma tahrabx waqt li jkun qed jistupraha. F’dak il-hin Vikstrom giet mizmuma kontra l-volonta’ taghha w l-liberta’ taghha ta’ moviment giet impeduta. L-akkuzati ma kellhomx ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u c-cirkostanzi ma kienux fost dawk li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil xi hadd.

Illi b’ghemilhom l-imsemmija Nader Abdulaziz Elgerian u Hasan Mohamed Ahmed saru hatja talli, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil xi persuna kontra l-volonta’ taghha, jew taw post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata; b’dan li d-delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess ta’ dik il-persuna.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet “L-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni v. Nader Abdul Aziz” ta’ l-4 ta’ Frar, 2002, l-akkuzat Nader Abdulaziz Elgerian instab hati ta’ diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Nader Abdulaziz Elgerian, recidiv f’delitt, u lil Hasan Mohamed Ahmed hatja talli, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti

s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil xi persuna kontra l-volonta' taghha, jew taw post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata; b'dan li d-delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess ta' dik il-persuna.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-akkuzat Nader Abdulaziz Elgerian u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tmintax-il xahar sa erba' snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87(1)(g), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali u kontra l-akkuzat Hasan Mohamed Ahmed u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa tliet snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87(1)(g) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmija akkuzati.

4) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi fis-sieghat bikrin ta' filghodu ta' l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fl- inhawi tad-Dragonara Hotel gewwa Paceville, l-akkuzati Nader Abdulaziz Elgerian u Hasan Mohamed Ahmed iltaqghu ma' zewg tfajliet ta' nazzjonalita' Svediza, Sandra Vikstrom u Anny Teresia Williams, u bdew jikkonversaw u jippassiggaw maghhom. Wara li, fuq domanda ta' l-akkuzati, t-tfajliet qalulhom f'liema hotel kienu qed jalloggjaw, Elgerian u Ahmed issuggerew *shortcut* u haduhom f'bajja vicin maghrufa bhala Shingles Bay, liema bajja hija lok pubbliku. Hawnhekk, wara li tfaccaw ukoll xi persuni ohra hbieb ta' l-akkuzati, t- tfajliet gew iccirkondati. L-akkuzat Hasan Mohamed Ahmed pogga bilqieghda fuq sider wahda minn dawn it-tfajliet, Sandra Vikstrom, sabiex jimmobilizzaha mentri l-akkuzat l-iehor Nader Abdulaziz Elgerian ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur billi nehhielha l-qalziet u l-qalziet ta' taht u espona l-parti privata tieghu bil-ghan li jkollu kongungiment karnali maghha kontra l-volonta' taghha, kif fil-fatt gara.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Nader Abdulaziz Elgerian sar hati ta' attentat vjolenti ghall-pudur, b'dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni v. Nader Abdul Aziz" ta' l-4 ta' Frar, 2002, l-akkuzat Nader Abdulaziz Elgerian instab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Nader Abdulaziz Elgerian, recidiv f'delitt, talli sar hati ta' attentat vjolenti ghall-pudur b'dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 207, 202(d), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

5) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fis-sieghat bikrin ta' filghodu ta' l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fl- inhawi tad-Dragonara Hotel gewwa Paceville, l-akkuzati Nader Abdulaziz Elgerian u Hasan Mohamed Ahmed iltaqghu ma' zewg tfajliet ta' nazzjonalita' Svediza, Sandra Vikstrom u Anny Teresia Williams, u bdew jikkonversaw u jippassiggaw maghhom. Wara li, fuq domanda ta' l-akkuzati, t-tfajliet qalulhom f'liema hotel kienu qed jalloggjaw, Elgerian u Ahmed issuggerew *shortcut* u haduhom f'bajja vicin maghrufa bhala Shingles Bay, liema bajja hija lok pubbliku. Hawnhekk, wara li tfaccaw ukoll xi persuni ohra hbieb ta' l-akkuzati, t- tfajliet gew iccirkondati. L-akkuzat Hasan Mohamed Ahmed, biex jghin u jassisti lill-akkuzat Nader Abdulaziz Elgerian jikkommetti attentat vjolenti ghall-pudur u eventwalment ukoll jistupra lil Sandra Vikstrom, pogga bilqieghda fuq sidirha

sabiex jimmobilizzaha mentri Elgerian nehhielha l-qalziet u l-qalziet ta’ taht u espona l-parti privata tieghu bil-ghan li jkollu kongungiment karnali maghha kontra l-volonta’ taghha, kif fil-fatt gara. Vikstrom ippruvat tahrab minn fuq il-post izda ftit li xejn setghet toffri rezistenza. Fil-fatt f’hin minnhom gidmet lill-akkuzat Hasan Mohamed Ahmed izda hu taha daqqa ta’ harta fuq wiccha w pogga idejh fuq halqa w mniehirha b’mod li bilkemm setghet tiehu nifs.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Hasan Mohamed Ahmed irrenda ruhu komplici f’attentat vjolent ghall-pudur, u cioe’ billi xjentement ghen jew assista lil Nader Abdulaziz Elgerian jikkommetti attentat vjolent ghall-pudur; b’dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt kien gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Hasan Mohamed Ahmed talli rrenda ruhu komplici f’attentat vjolent ghall-pudur, u cioe’ billi xjentement ghen jew assista lil Nader Abdulaziz Elgerian jikkommetti attentat vjolent ghall-pudur; b’dan li fl- esekuzzjoni tad-delitt kien gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija minn hames xhur sa tmintax-il xahar, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 207, 202(d), 42(d), 43 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

6) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fiz-zmien u fic- cirkostanzi msemmija fl-ewwel hames kapi ta’ dan l-att ta’ akkuza, w cioe’ fis-sieghet bikrin ta’ filghodu ta’ l-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fil-bajja maghrufa bhala Shingles Bay gewwa Paceville, l-akkuzati Nader Abdulaziz Elgerian u Hasan Mohamed Ahmed immobilizzaw lil Sandra Vikstrom bil-ghan li jsir fuqha attentat vjolent ghall-pudur kif ukoll li tigi stuprata kif fil-fatt sar. Peress illi

Vikstrom ippruvat tirrezisti lill-akkuzati, Elgerian u Ahmed volontarjament ikkagunawlha diversi offizi ta' natura hafifa, fosthom tbengil, sabiex ma tibqax tipprova tahrab. Addirittura f'hin minnhom l- akkuzat Hasan Mohamed Ahmed taha daqqa ta' harta fuq wiccha w pogga idejh fuq halqa w imniehirha b'mod li bilkemm setghet tiehu nifs.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija Nader Abdulaziz Elgerian u Hasan Mohamed Ahmed saru hatja talli, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra jew gabulha dizordni f'mohha; b'dan li l- offizi jitqiesu li huma hfief peress li ma gabu ebda wahda mill- konsegwenzi gravi prevvisti mill-ligi.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni v. Nader Abdul Aziz" ta' l-4 ta' Frar, 2002, l-akkuzat Nader Abdulaziz Elgerian instab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Nader Abdulaziz Elgerian, recidiv f'delitt, u lil Hasan Mohamed Ahmed hatja talli, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l- hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis- sahha ta' persuna ohra, jew gabulha dizordni f'mohha; b'dan li l-offizi jitqiesu li huma hfief peress li ma gabu ebda wahda mill-konsegwenzi gravi prevvisti mill-ligi.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-akkuzat Nader Abdulaziz Elgerian u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 221(1), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali u kontra l-akkuzat Hasan Mohamed Ahmed u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 221(1) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmija akkuzati.

7) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba' Kap illi fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), ghall-habta tas-sitta w nofs ta' filghaxija, gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, l-akkuzat Nader Abdulaziz Elgerian volontarjament hedded lil Zakarija Abdisamed Abukar li kien ser joqtlu u dan peress li Abukar, li kien xhud okulari tad-delitti msemmija fil-kapi precedenti, kien assista lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Nader Abdulaziz Elgerian sar hati talli ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Nader Abdulaziz Elgerian talli ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' detenzjoni ghal zmien xahrejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 339(1)(e) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, unanimament sabu lill-akkuzat **Nader Abdulaziz Elgerian** hati skond l-Ewwel, it-Tielet, ir-Raba' s-Sitt u s-Seba' Kapi tal-Att tal-Akkuza, w li bih unanimament sabu wkoll lill-akkuzat **Hasan Mohamed Ahmed** hati tat-Tieni, t-Tielet, il-Hames u s-Sitt Kapi tal-Att tal-Akkuza,

Rat ukoll il-verdett ulterjuri tal-gurati tal-lum stess li bih unanimament sabu lil **Nader Abdulaziz Elgerian** recidiv kif indikat fl-Ewwel, fit-Tielet, fir-Raba' w fis-Sitt Kapi tal-Att ta' l-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Nader Abdulaziz Elgerian, recidiv, hati talli :-

1) fis-sieghat bikrin ta’ filghodu ta’ l-erbatax (14) ta’ Mejju, tas-sena elfejn u sitta (2006), fl-inhawi tad-Dragonara Hotel gewwa Paceville, ikkommetta stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, u cioe’ Sandra Vikstrom, b’dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed, u dana skond l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ l- Akkuza;

2) fis-sieghat bikrin ta’ filghodu ta’ l-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fil-bajja maghrufa bhala Shingles Bay gewwa Paceville, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Sandra Vikstrom kontra l-volonta’ taghha, b’dan li d-delitt sar bhala mezz biex Sandra Vikstrom tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha w dana skond it-Tielet Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza,

3) illi fis-sieghat bikrin ta’ filghodu ta’ l-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fl-inhawi tad-Dragonara Hotel gewwa Paceville, sar hati ta’ attentat vjolenti ghall-pudur fuq Sandra Vikstrom, b’dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed u dana skond ir-Raba’ Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza,

4) fis-sieghet bikrin ta’ filghodu ta’ l-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fil-bajja maghrufa bhala Shingles Bay gewwa Paceville, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta’ Sandra Vikstrom f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha jew gabilha dizordni f’mohha; b’dan li l-offizi jitqiesu li huma hfief peress li ma gabu ebda wahda mill-konsegwenzi gravi prevvisti mill-ligi w dana skond is-Sitt Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;

5) fl-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), ghall-habta tas- sitta w nofs ta’ filghaxija, gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, ghamel ingurji jew theddid lil Zakarija Abdisamed Abukar u dana skond is-Seba’ Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza.

Tiddikjara lil Hasan Mohamed Ahmed hati talli :-

1) fis-sieghat bikrin ta’ filghodu ta’ l-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fl-inhawi tad-

Dragonara Hotel gewwa Paceville, rrenda ruhu komplici fi stupru vjolenti aggravat, u cioe' talli xjentement ghen jew assista lil Nader Abdulaziz Elgerian jikkommetti stupru fuq Sandra Vikstrom; b'dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt huwa ghen lill-istess Nader Abdulaziz Elgerian u dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza,

2) fis-sieghat bikrin ta' filghodu ta' l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fil-bajja maghrufa bhala Shingles Bay gewwa Paceville, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Sandra Vikstrom kontra l-volonta' taghha, b'dan li d-delitt sar bhala mezz biex Sandra Vikstrom tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha w dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza,

3) fis-sieghat bikrin ta' filghodu ta' l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fl-inhawi tad-Dragonara Hotel gewwa Paceville, rrenda ruhu komplici f'attentat vjolent ghall-pudur fuq Sandra Vikstrom u cioe' billi xjentement ghen jew assista lil Nader Abdulaziz Elgerian jikkommetti attentat vjolent ghall-pudur fuq l-istess persuna b'dan li fl-esekuzzjoni tad-delitt ghen lill-imsemmi Nader Abdulaziz Elgerian u dana skond il-Hames Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

4) fis-sieghet bikrin ta' filghodu ta' l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), fil-bajja maghrufa bhala Shingles Bay gewwa Paceville, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghdu l-hajja ta' Sandra Vikstrom f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Sandra Vikstrom, jew gabilha dizordni f'mohha; b'dan li l-offizi jitqiesu li huma hfief peress li ma gabu ebda wahda mill-konsegwenzi gravi prevvisti mill-ligi w dana skond is-Sitt Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Rat il-fedini penali aggornati tal-hatja esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminati mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tad-difiza w il-prosekuzzjoni dwar il-piena li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti.

L-abbli difensur Dr. Joe Brincat, ghall-hatja ssottometta li l-verdett hu dak li hu pero’ l-Qorti kienet semghet il-process kollu. Filwaqt li verament l-hati Elgerian kien recidiv iz-zieda fil-piena minhabba r-recidiva kienet wahda fakoltativa w mhux mandatorja. L-hati Ahmed kellu fedina penali netta. Barra minn hekk kien hemm reati li jridu jigu assorbiti f’xulxin ghall-fini tal-piena kemm taht l-artikolu 17(h) kif ukoll minhabba l-konkors ideali jew formali w dan kellu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti fl-erogazzjoni tal-piena.

L-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara invece ssottometta li forsi qatt ma kien hawn verdett carissimu ta’ htija fuq il-kapi kollha tal-Att ta’ l-Akkuza mill-verdett unanimu f’din il-kawza. Dan kien kaz fejn zewg tfajliet turisti gew abbuzati miz-zewg hatja, li huma wkoll jinsabu mistiednin f’Malta, billi ghamlu nazba lil dawn it-tfajliet, minflok ma ghenuhom u assistewhom meta raw f’liema stat kienu jinsabu fih.

Minflok ma dawn iz-zewg turisti li gew f’Malta ghall-vaganza setghu igawdu l-btala taghhom, gew assoggettati ghall-trawma li ma kienx facli jinsew tul hajjithom. Dawn ir-reati zgur li ma jaghmlux reklam tajjeb lil Malta bhala post tat-turizmu ghaliex facilment tista’ tigri l-kelma li minhabba f’hekk Malta ma hix pajjiz “*safe”* ghat-turisti. Ghalhekk apparti l-piena ghat-trawma personali li sofrew dawn iz-zewg tfajliet il-piena li ghandha taghti din il-Qorti trid isservi ta’ deterrent biex kemm cittaddini Maltin kif ukoll persuni ohra li jkunu biss mistiednin f’Malta ma jikkommettux reati simili. Ghalhekk talab li l-piena ghandha tkun wahda vicin il-massimu skond il-ligi.

Il-Qorti wara li qieset dawn is-sottomissjonijiet kollha w ikkonsidrat il-gravita’ tar-reati kommessi mill-hatja, r-recidiva tal-hati Elgerian li kien diga’ instab hati ta’ serq aggravat minn fuq persuna ta’ nazzjonalita’ barranija w tfajla Maltija w talli kien immigrant ipprojbit bi ksur tal-

artikolu 5(1) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll il-kondotta netta tal-hati Ahmed, w wara li rat l-artikoli 17(h), 42(d), 43, 49, 50 86, 87(1)(g), 198, 202(d), 207, 214, 215, 221(1), 339(1)(e) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati Nader Abdulaziz Elgerian ghall-piena ta' hmistax (15) il-sena prigunerija w lill-hati Hasan Mohamed Ahmed, ghall-piena ta' ghaxar (10) snin prigunerija, b'dan li minn dawn it-termini ta' prigunerija jrid jitnaqqas iz-zmien kollu li huma qattghu taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma dawn l-akkuzi.

Inoltre tikkundanna lil kull wiehed miz-zewg hatja s-somma ta' erbat elef, mitejn u seba' w tletin Euro w sitta' w disghin centezmi (€4237.96) rapprezentanti nofs tal-ammont intier ta' tmint elef, erba' mija w hamsa w sebghin Euro w wiehed u disghin centezmi (€8475.91) ta' l-ispejjez peritali inkorsi f'dan il-process a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija ulterjuri skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------